MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2013

Numru. 356/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**
**(Spettur Christopher Pullicino)**

**vs.**

**Sylvester James**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Sylvester James**, ta' hamsa u ghoxrin (25) sena, iben Anthony u Helena neé Galea, imwieled Pieta (Malta), nhar it-28 ta' April 1986 u residenti gewwa numru 62, Triq Indri Cilia, Hamrun, Malta, detentur tal-Karta tal-Identita bin-numru 0209586(M), akkuzat talli nhar l-1 ta' April 2012 ghall-habta tad-9.45 ta' filghodu gewwa l-lokalita' tal-Hamrun:

1. ikkommetta serq ta' *portmoney* u flus kkontanti ghad-dannu ta' Dorothea Christina Buontempo, liema serq hu aggravat bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (Euro 232.94) izda mhux aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (Euro 2,329.37);

2. kiser il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu fl-4 ta' Lulju 2011 mill-Qorti tal-Magistrati Malta (Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D.) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

3. ikkommetta reat waqt il-perjodu ta' sentenza sospiza mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati Malta (Magistrat Dr. A. Vella LL.D.) b'sentenza moghtija nhar il-11 ta' Mejju 2011 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tqis lill-imputat Sylvester James bhala li sar recediv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Dorothea Christina Buontempo billi tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 383, 384 u 385 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 10).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet, fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2013, lill-imputat jammetti li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet, fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2013, lid-difiza titlob li jigi mhejji *pre-sentencing report* fil-konfront tal-imputat, liema talba giet milqugha.

Semghet, fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2013, lill-parti leza **Dorothy Buontempo** (*a fol.* 137 *et seq.*) tixhed li hija rceviet is-somma ta' erba' mitt Euro (€ 400.00) mill-imputat u li hija ma kellha l-ebda pretensjoni ohra fil-konfront tal-imputat.

Semghet, fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2013, lill-*probation officer* **Joseph Mizzi** (*a fol.* 140 *et seq.*) jixhed rigward ir-rapport redatt minnu, liema rapport gie mmarkat bhala Dok. "JM 1" – *a fol.* 143 *et seq.*.

Rat is-sentenza (Dok. "RV 3" – *a fol.* 159 *et seq.*) datata 2 ta' Mejju 2012 u ezebita fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2013, minn liema sentenza jirrizulta li l-imputat gie ggudikat rigward it-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Rat is-sentenza (Dok. "RV 4" – *a fol.* 165 *et seq.*) datata 27 ta' Settembru 2013 u ezebita fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2013, minn liema sentenza jirrizulta li l-imputat gie iggudikat rigward it-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet, fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2013, it-trattazzjoni dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu tal-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, jirrizulta li l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina penali tal-imputat (*a fol.* 6 *et seq.*), l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront

tieghu (liema ammissjoni ma jistghax jinghad li hija wahda bikrija u dana *stante* illi l-provi tal-Prosekuzzjoni gew dikjarati bhala maghluqa fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2012 (*a fol.* 45) u l-ammissjoni tal-imputat giet registrata fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2013 (*a fol.* 130)), il-fatt li d-derubata xehdet li hija kienet thallset kollox minn naha tal-imputat, ix-xhieda moghtija mill-*probation officer* Joseph Mizzi u r-rapport redatt minnu (Dok. "JM 1" – *a fol.* 143 *et seq.*), u kif ukoll il-fatt li l-imputat kiser il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 u kkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza. In segwitu ta' dan kollu, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li timponi piena ta' prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 28B(1), 49, 50, 261(c), 267 u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u

- wara li rat li ghat-tieni (2) u ghat-tielet (3) imputazzjonijiet diga ttiehdu provedimenti bis-sentenzi moghtija fit-2 ta' Mejju 2012 (Dok. "RV 3" – *a fol.* 159 *et seq.*) u fis-27 ta' Settembru 2013 (Dok. "RV 4" – *a fol.* 165 *et seq.*) rispettivament, il-Qorti mhijiex ser tiehu provedimenti ulterjuri fir-rigward taz-zewg imputazzjonijiet imsemmija;

u

- fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, tikkundanna lill-istess imputat ghal perijodu ta' seba' (7) xhur prigunerija.

Fl-ahhar nett, il-Qorti, wara li rat Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li jinhareg Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Dorothea Christina Buontempo u dana skont il-kondizzjonijiet indikati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------